



Brussell, 23 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9012/18

EDUC 160
JEUN 58
SOC 253
EMPL 196
COMPET 316
TELECOM 141

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: TELECOM 124	8701/18 EDUC 150 JEUN 53 SOC 233 EMPL 178 COMPET 284
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, adottati mill-Kunsill fit-3617-il laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Mejju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

filwaqt li jfakkar fil-kuntest politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet,

FILWAQT LI JFAKKAR li

1. id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni kif iddikjarata fl-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex jinżammu u jinkisbu ħiliet li jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà u tranżizzjonijiet b'suċċess fis-suq tax-xogħol.
2. fil-kuntest tas-Summit Soċjali f'Gothenburg tas-17 ta' Novembru 2017, l-Aġenda tal-Mexxejja kienet iddedikata għall-edukazzjoni u l-kultura. Għe stabbilit appoġġ politiku għal għadd ta' linji ta' ħidma speċifiċi, primarjament abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "It-tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura" li ppreżentat l-idea li naħdmu flimkien, b'rispett sħiħ għas-sussidjarjetà, permezz ta' viżjoni kondiviża ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni bbażata fuq il-fiduċja, ir-rikonoxximent reċiproku, il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki, il-mobilità u t-tkabbir, li trid tiġi stabbilita sal-2025.
3. bħala segwitu għas-Summit ta' Gothenburg, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017 taw prijorità kbira lill-edukazzjoni fl-aġenda politika Ewropea u ħolqu momentum biex isir progress sinifikanti f'dan il-qasam.

JIKKUNSIDRA li

4. l-edukazzjoni u l-kultura huma kruċjali biex l-Ewropej jingħaqdu flimkien u għall-futur tal-individwi kif ukoll għall-Unjoni kollha kemm hi. L-Ewropej kollha għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-wirt kulturali u edukattiv divers komuni.

5. Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għandha tkun imsejsa fuq il-kontinwazzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, għall-iskola, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ vokazzjonali u finalment għall-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni għall-adulti.
6. Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għandha tippromwovi u trawwem il-mobilità u l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ u tappoġġa l-Istati Membri fl-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tagħhom.
7. JISSOTTOLINJA li l-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ET 2020) ipprova bażi siewja biex jiġu stabbiliti prioritajiet komuni u li jappoġġaw lill-Istati Membri fl-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tagħhom.
8. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex ikompli jirriflettu fuq viżjoni kondiviża ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, inkluż il-miri, l-oġettivi u l-ambitu possibbli tagħha, u r-rabtiet tagħha mal-qafas strateġiku ta' wara l-2020 għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Is-segwitu ta' ET 2020, permezz ta' kooperazzjoni akbar bejn l-Istati Membri u bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għandu jippromwovi it-tagħlim reċiproku u jappoġġa sforzi u passi ulterjuri sabiex il-viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ssir realtà. Bl-għan li tkun avvanzata l-viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-temi li ġejjin:
9. ERASMUS+
 - 9.1. JENFASIZZA li l-programm Erasmus+ huwa inizjattiva importanti tal-UE ta' suċċess kbir, li tagħti spinta lill-mobilità għall-apprendiment madwar l-Ewropa u lil hinn, u tagħti kontribut sinifikanti għat-titjib tal-iżvilupp personali u l-kompetenzi interkulturali u t-tisħiħ tal-identità Ewropea; huwa jirfed il-kooperazzjoni fl-UE kollha bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha; iżid ukoll il-kompetittività tal-UE; u jsaħħaħ il-promozzjoni ta' valuri komuni Ewropej.

- 9.2. JILQA' r-riżultati tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+ u JAPPELLA għal miżuri biex tissaħħaħ u titwessa' l-parteċipazzjoni, ikompli l-iffukar fuq l-impatt u l-kwalità ta' proġetti, titrawwem edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u biex l-aċċess għall-programm Erasmus+ tal-ġenerazzjoni li jmiss ikun aktar inklużiv u ekwitabbli, pereżempju billi jkunu rinfurzati l-opportunitajiet indaqs u jissaħħaħ l-aċċess għall-programm għal reġjuni u gruppi sottorappreżentati, applikanti li qed japplikaw għall-ewwel darba u organizzazzjonijiet b'kapacià iżgħar fil-partijiet kollha tal-programm. Is-sinerġiji ma' sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu rinfurzati, filwaqt li jkunu evitati d-duplikazzjonijiet.
- 9.3. JAPPELLA għal simplifikazzjoni ulterjuri tar-regoli u l-proċeduri sabiex jitnaqqas ulterjorment il-piż amministrattiv fil-livelli kollha.

10. HILJET DIĠITALI U EDUKAZZJONI

- 10.1. JISSOTTOLINJA l-importanza li jitjiebu l-apprendiment u t-tagħlim fl-era diġitali u li jiġi promoss l-iżvilupp tal-kompetenza diġitali, waħda mill-kompetenzi prinċipali għat-tagħlim tul il-ħajja, billi tingħata attenzjoni speċjali għas-Sejħa għal Azzjoni ta' Sofija dwar il-Hiljet Diġitali u l-Edukazzjoni u għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali.
- 10.2. JENFASIZZA li l-programm Erasmus+ tal-ġenerazzjoni li jmiss u programmi ta' finanzjament rilevanti oħra tal-Unjoni għandhom jappoġġaw l-adattament tas-sistemi u tal-infrastruttura ta' edukazzjoni u taħriġ għall-era diġitali.

10.3. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX, FIL WAQT LI JAĠIXXU FIL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM,:

- 10.3.1. Jappoġġaw l-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ permezz tal-innovazzjoni, inkluż bl-użu pedagoġiku u innovattiv ta' teknoloġiji u approċċi diġitali li jappoġġaw il-kwalità u n-natura inklużiva tal-edukazzjoni u t-taħriġ u permezz tal-użu xieraq tal-programmi ta' finanzjament u għodod rilevanti tal-UE, inkluż l-għodda volontarja ta' awtovalutazzjoni SELFIE, iħeġġu inizjattivi u l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jiġu żviluppati iktar l-edukazzjoni u t-taħriġ, biex jiġu inklużi l-ħiliet diġitali fit-tagħlim u l-apprendiment.
- 10.3.2. Jieħdu miżuri konkreti biex jippromwovu l-iżvilupp ta' kompetenzi diġitali u ta' ħiliet tal-litteriżmu fil-media fost l-Ewropej kollha sabiex jibnu r-reżiljenza għad-diżinformazzjoni, il-propaganda u l-filter bubbles u jgħammru liċ-ċittadini kollha, inkluż dawk ġejjin minn sfondi żvantaġġati, bil-ħiliet li jeħtieġu biex jużaw it-teknoloġiji diġitali u l-internet għall-benesseri tagħhom stess u għall-parteċipazzjoni ċivika.
- 10.3.3. Jistimolaw edukazzjoni li trawwem il-kreattività u l-intraprenditorija kif ukoll trawwem, fejn xieraq u skont id-dispożizzjonijiet legali eżistenti, il-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni u n-negozji u s-soċjetà ċivili għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu u l-edukaturi pereżempju l-iżvilupp ta' programm ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali. Jirrikonoxxu l-ħidma tan-netwerk tal-Proprietà Intellettwali fl-Edukazzjoni ġestit mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea.

11. EDUKAZZJONI GĦOLJA

- 11.1. IFAKKAR fl-isfidi speċifiċi għas-settur tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa kif stabbilit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2017 dwar aġenda mgiedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja.
- 11.2. JIRRIKONOXXI l-valur miżjud ippruvat tal-mobilità għall-apprendiment u s-sħubiji strateġiċi tal-Erasmus+ madwar l-Unjoni, fit-trawwim tal-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja kif ukoll ta' inizjattivi bħall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-azzjonijiet ta' Marie Skłodowska-Curie.
- 11.3. JIRRIKONOXXI l-importanza li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni strateġika bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq, flessibbli, mhux burokratiku, inklużiv, miftuħ u trasparenti.
- 11.4. JAPPOĠĠA li l-ħolqien ta' "Universitajiet Ewropej", li jikkonsistu f'networks sostenibbli minn isfel għal fuq li huma ġeografikament u soċjalment inklużivi u li jaħdmu flimkien mingħajr xkiel b'mod transfruntier, u li jistgħu jaqdu rwol importanti fil-ħolqien ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni kollha kemm hi, filwaqt li jikkontribwixxu biex jagħtu s-setgħa lil ġenerazzjonijiet ġodda ta' ċittadini Ewropej u jsaħħu l-kompetittività internazzjonali tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa. IQISU li l-"Universitajiet Ewropej" għandhom il-potenzjal li jtejbu sostanzjalment il-mobilità u jrawmu kwalità għolja u eċċellenza fl-edukazzjoni u r-riċerka, billi jsaħħu l-ħolqa bejn it-tagħlim, ir-riċerka u l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien, billi juru l-benefiċċji ta' tagħlim multilingwi, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u billi jiżviluppaw programmi u proġetti konġunti ta' edukazzjoni u riċerka.

- 11.5. JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA TAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, U B'KOOPERAZZJONI MILL-QRIB MAL-ISTATI MEMBRI biex tiżviluppa u tistabbilixxi l-oġġettivi ewlenin u l-kunċett ta' "Universitajiet Ewropej" kif ukoll tappoġġa l-iżvilupp tagħhom. JIEĦU NOTA li l-Kummissjoni stabbilixxiet Grupp ta' Esperti Ad hoc magħmul minn esperti mill-Istati Membri għal dan il-għan. JIEĦU NOTA li l-kriterji tal-għażla għall-fażi pilota ta' "Universitajiet Ewropej" ser jiġu żviluppati billi jiġu segwiti l-proċeduri stipulati fir-Regolament dwar Erasmus+¹.
- 11.6. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar il-progress fl-iżvilupp tal-kriterji tal-għażla biex jiġu pilotati l-"Universitajiet Ewropej". JAPPELLA lill-Kummissjoni biex flimkien mal-Istati Membri u abbażi tar-riżultati tal-proġett pilota, tirrifletti fuq il-forma futura tal-"Universitajiet Ewropej".
- 11.7. JENFASIZZA li l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji hija strumentali biex jitrawmu l-kompetittività tal-UE kif ukoll it-tkabbir ekonomiku u soċjali tagħha. JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-Forum Ewropew bejn l-Universitajiet u n-Negozji. JENFASIZZA l-ħtieġa għal appoġġ kontinwu lis-sħubiji bejn l-universitajiet u n-negozji biex jistimola l-potenzjal tagħhom biex jinnovaw, jirriċerkaw u jiżviluppaw pedagoġiji innovattivi.
- 11.8. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex irawmu miżuri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex itejbu l-kapaċitajiet intraprenditorjali u innovattivi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, inkluż permezz tal-użu tal-għodda ta' awtovalutazzjoni HEInnovate.
- 11.9. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u abbażi tar-riżultati tal-proġett pilota, tesplora l-possibbiltà li tinħoloq Kard Ewropea tal-Istudenti fuq bażi volontarja, li għandha tikkontribwixxi għal mobilità aħjar għall-apprendiment billi jiġu żgurati servizzi aħjar għall-istudenti u inqas amministrazzjoni għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja.

¹ Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013, ĠU L 347 tal-20.12.2013, p. 50.

12. EDUKAZZJONI TA' KWALITÀ GĦOLJA U INKLUŻIVA

- 12.1. IFAKKAR li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li t-tfal kollha għandhom id-dritt għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal li jkunu affordabbli u tajba. JISSOTTOLINJA li għandhom jiġu intensifikati l-isforzi biex jintlaħqu l-prijoritajiet stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2011 dwar il-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal u biex it-tfal kollha, inkluż dawk minn reġjuni soċjoekonomikament żvantaġġati, kif ukoll dawk minn kull sfond soċjoekonomiku, jiġu pprovduti aċċess għal sistemi ta' edukazzjoni u ta' kura bikrija tat-tfal.
- 12.2. JISSOTTOLINJA l-bżonn li tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità għolja u inklużiva li tappoġġa l-iżvilupp ta' dawk kollha li qed jitgħallmu, inkluż billi ssir enfasi fuq il-prijoritajiet stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2017 dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti.
- 12.3. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu promossi l-attraenza u l-importanza tal-professjoni ta' għalliem u ta' persunal edukattiv ieħor u li jiġi appoġġat it-titjib kontinwu tal-ħiliet tagħhom. Minkejja li ħafna mill-impjiegi tal-futur għadhom mhumiex magħrufa, din il-professjoni hija fost dawk li ser iżżomm ir-rwol ewlieni tagħha għas-soċjetà f'era ta' innovazzjoni teknoloġika trasversali u intelliġenza artifiċjali. F'dan ir-rigward, il-mobilità tal-għalliema u l-persunal edukattiv, kif ukoll komunikazzjoni aħjar bejn il-korpi responsabbli għat-taħriġ tagħhom, għandhom jiġu promossi.
- 12.4. JENFASIZZA li huwa kruċjali li jingħaqdu l-forzi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola fl-Ewropa u jiżdiedu l-opportunitajiet għal aċċess ugwali għall-edukazzjoni u l-ħiliet bażiċi għall-gruppi vulnerabbli kollha, inkluż it-tfal tal-ħaddiema li jirrilokaw fi Stat Membru ieħor għal perijodi iqsar jew itwal.
- 12.5. JINNOTA d-diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom it-tfal u l-istudenti meta jerġgħu lura lejn is-sistema edukattiva ta' pajjiżhom wara perijodi barra mill-pajjiż f'każijiet ta' komunikazzjoni insuffiċjenti bejn is-sistemi edukattivi nazzjonali.

12.6. JISTIEDEN lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fejn xieraq, biex jesploraw modi li bihom jiġiebu l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-istatus edukattiv tal-istudenti f'każijiet ta' mobilità, filwaqt li jkun rispettat id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.

13. APPRENDIMENT TAL-LINGWI

13.1. JIRRIKONNOXXI l-kompetenza multilingwi bħala sies importanti ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. JENFASIZZA li l-lingwi jaqdu rwol ewlieni fit-trawwim tal-fehim u d-diversità, kif ukoll il-promozzjoni tal-valuri Ewropej, u huma essenzjali għall-iżvilupp personali, il-mobilità u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà u l-impjegabbiltà.

13.2. IFAKKAR fl-ambizzjoni espressa mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2017 fir-rigward tal-apprendiment tal-lingwi.

13.3. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2014 dwar il-multilingwiżmu u l-iżvilupp ta' kompetenzi lingwistiċi li appellaw lill-Istati Membri BIEX jadottaw u jtejbu miżuri bil-għan li jippromwovu l-multilingwiżmu u li jtejbu l-kwalità u l-effiċjenza tal-apprendiment u t-tagħlim tal-lingwi.

14. RIKONOXXIMENT TAL-KWALIFIKI²

- 14.1. IQIS ir-rikonoxximent ta' kwalifiki ta' edukazzjoni għolja u ta' edukazzjoni fil-livell sekondarju, inkluż kwalifiki ETV, kif ukoll ir-rikonoxximent tal-eżiti ta' perijodi ta' apprendiment barra mil-pajjiż, bħala sisien importanti ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni permezz tal-kontribut tagħhom għall-mobilità bla xkiel fl-Unjoni kollha b'mod ġenerali ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu.
- 14.2. JENFASIZZA l-importanza ta' kooperazzjoni bejn is-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, fornituri ta' edukazzjoni u taħriġ u partijiet ikkonċernati oħra għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki, kif ukoll biex jikkontribwixxu għall-fiduċja permezz tal-assigurazzjoni tal-kwalità u proċeduri ta' evalwazzjoni mtejbja.
- 14.3. IFAKKAR li t-tieni inċiż tal-Artikolu 165(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jappella lill-Unjoni biex tinkoraġġixxi ir-rikonoxximent akkademiku ta' diplomi u perijodi ta' studji billi tibni fuq il-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew u t-testi sussidjarji tagħha bil-ħsieb li titrawwem il-mobilità tal-istudenti u l-għalliema; JIRRISPETTA BIS-SĦIĦ ir-responsabilitajiet u l-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam u JENFASIZZA li s-soluzzjonijiet proposti fil-livell tal-Unjoni għandhom ikunu bbażati fuq it-trasparenza u l-fiduċja, u għandhom iqisu l-ispeċifikitajiet tas-sistemi edukattivi tal-Istati Membri.

JISĦAQ ukoll

15. li l-inizjattivi inklużi fil-kunċett u l-azzjonijiet futuri li għandhom jiġu proposti u mwettqa bħala parti minn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni jeħtieġ li jiżguraw il-komplementarjetà u l-koerenza fir-rigward tas-sistemi nazzjonali ta' edukazzjoni u taħriġ u għandhom jinkludu l-livelli kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, inkluż l-edukazzjoni tal-adulti u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

² Kwalifiki kif iddefiniti fl-Artikoli I tal-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew (jiġifieri kwalifika ta' edukazzjoni għolja; u kwalifika li tagħti aċċess għal edukazzjoni għolja).

Kuntest Politiku

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjija taż-żgħażaġh għas-seklu 21: aġenda għall-kooperazzjoni Ewropea dwar l-iskejjel (21 ta' Novembru 2008).
2. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET2020") (12 ta' Mejju 2009).
3. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iżviluppar tar-rwol tal-edukazzjoni fi trianglu tal-għarfien li jiffunzjona kompletament (26 ta' Novembru 2009).
4. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal: nagħtu lil uliedna l-aqwa bidu għad-dinja ta' għada (19 u 20 ta' Mejju 2011).
5. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja (28 u 29 ta' Novembru 2011).
6. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni għolja (16 u 17 ta' Mejju 2013).
7. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni globali tal-edukazzjoni għolja Ewropea (25 u 26 ta' Novembru 2013).
8. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tmexxija effettiva fl-edukazzjoni (25 u 26 ta' Novembru 2013).
9. Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar il-multilingwiżmu u l-iżvilupp ta' kompetenzi lingwistiċi (20 ta' Mejju 2014).
10. Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (Pariġi, 17 ta' Marzu 2015).
11. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni primarja fit-trawwim tal-kreattività, l-innovazzjoni u l-kompetenza diġitali (18 u 19 ta' Mejju 2015).
12. Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) — Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (23 u 24 ta' Novembru 2015).

13. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskejjel u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola (23 u 24 ta' Novembru 2015).
14. Rizzoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi fl-UE permezz tal-edukazzjoni: il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-Semestru Ewropew 2016 (24 ta' Frar 2016).
15. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ (30 ta' Mejju 2016).
16. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività (10 ta' Ġunju 2016).
17. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – It-titjib u l-immodernizzar tal-edukazzjoni (7 ta' Diċembru 2016).
18. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti (19 ta' Diċembru 2016)
19. Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programm Erasmus+ (2014-2020) (31 ta' Jannar 2018).
20. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-inklużjoni fid-diversità biex tinkiseb edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd (17 ta' Frar 2017).
21. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni dwar it-Tishiġ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura: Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017.

22. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ tal-perkors fil-karriera tal-gradwati (20 ta' Novembru 2017).
23. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja (20 ta' Novembru 2017).
24. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti (20 ta' Novembru 2017).
25. Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (14 ta' Diċembru 2017).
26. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (17 ta' Jannar 2018).
27. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (15 ta' Marzu 2018).
28. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (22 ta' Mejju 2018).
29. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja (22 ta' Mejju 2018).
